

# Għallem lil uliedek ir-regola “Hemmhekk ma jintmissx”.

Wieħed minn kull ħamest itfal jisfa’ vittma tal-vjolenza sesswali, inkluż l-abbuż sesswali. Tħallix li dan jiġri lil uliedek. Għallimhom ir-regola “Hemmhekk ma jintmissx”.

## Ir-regola “Hemmhekk ma jintmissx”



Ir-regola “Hemmhekk ma jintmissx” hija gwida sempliċi biex tgħin lill-ġenituri jispjegaw lil uliedhom fejn it-tfal m’għandhomx iħallu lil xi ħadd imisshom, x’jagħmlu jekk jiġri dan u fejn għandhom ifittxu l-għajnuna.

X'inhi r-regola “Hemmhekk ma jintmissx”? Sempliċi. It-tfal m’għandhomx iħallu lil xi ħadd imissilhom il-partijiet ta’ ġisimhom li normalment ikunu mgħottijin bil-ħwejjeġ ta’ taħt u li huma m’għandhomx imissu lil ħaddieħor f’dawk il-partijiet.

Din ir-regola tgħin ukoll biex tfiehem lit-tfal li ġisimhom huwa tagħhom, li hemm sigrieti tajbin u sigrieti ħżiena u mod tajjeb u mod ħażin kif imissu lil xi ħadd jew jintmessu minn ħaddieħor.

Kif għandek tgħallem ir-regola “Hemmhekk ma jintmissx”? ................ 2

Għaliex ir-regola “Hemmhekk ma jintmissx”? ............................. 5

X’għandek tagħmel jekk tissuspetta li qed isir l-abbuż? .................... 6

Fejn tista’ ssib materjal u informazzjoni? ................................ 7

Illustrazzjoni: Punga – © Kunsill tal-Ewropa – MLT

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

wieħed minn kull ħamsa

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

## Kif għandek tgħallem ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx"?

Ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx" inħolqot biex tgħin lill-ġenituri u lil dawk li jieħdu ħsieb it-tfal jibdew diskussjoni mat-tfal. Din ir-regola tista' tkun mezz tajjeb ħafna biex ikun hemm prevenzjoni kontra l-abbuż sesswali.

Ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx" għandha 5 aspetti importanti.

### 1. Ġismek huwa tiegħek

It-tfal iridu jitgħallmu li ġisimhom huwa tagħhom u li ħadd ma jista' jmissulhom mingħajr il-permess tagħhom. Il-komunikazzjoni miftuħa u diretta sa minn età żgħira dwar is-sesswalità u l-"partijiet intimi", bl-użu tal-ismijiet propji għall-ġenitali u partijiet oħra tal-ġisem, tgħin lit-tfal jifhmu x'mhux permess. It-tfal għandhom dritt jirrifjutaw bewsa jew mess, anke minn persuna li jħobbu. It-tfal għandhom jiġu mgħallma jgħidu "Le", immedjatament u b'mod sod, għal kuntatt fiżiku mhux aċċettabbli. Għandhom jiġu mgħallma kif jaħarbu minn sitwazzjonijiet riskjużi u biex ma jibżgħux jitkellmu ma' adult li jafdaw fih. Huwa importanti li jifhmu li għandhom jibqgħu jfittxu l-għajnuna sakemm xi ħadd jieħu dak li qed jgħidu bis-serjetà.

Fil-ktieb, l-Id dejjem titlob il-permess ta' Kiko qabel tmissu x'imkien. Kiko jagħti l-permess. Meta l-Id trid tmiss taħt il-ħwejjeġ ta' taħt, Kiko jgħid "LE!". Il-ġenituri u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal jistgħu jużaw din l-istorja biex jispjegaw lit-tfal li jistgħu jgħidu "LE" fi kwalunkwe ħin.

### 2. Mess tajjeb – mess ħażin

It-tfal mhux dejjem jindunaw jekk il-mess hux tajjeb jew le. Tajjeb li t-tfal ikunu jafu li mhux aċċettat li xi ħadd iħares lejn jew imissilhom il-partijiet intimi tagħhom. Tajjeb li jkunu jafu wkoll li ħadd m'għandu jistaqsihom biex iħarsu jew imissu l-partijiet intimi ta' ħaddieħor. Ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx" tgħinhom jagħrfu x'għandu jkun il-limitu u għalhekk nużaw il-ħwejjeġ ta' taħt bħala sinjal ċar u faċli. Din ir-regola tgħin ukoll lill-adulti jibdew diskussjoni mat-tfal. Jekk it-tfal m'humiex ċerti jekk l-imġiba ta' persuna hix aċċettabbli jew le, kun ċert li jafu jsaqsu għall-għajnuna lil xi adult li jafdaw.

Fil-ktieb, Kiko jirrifjuta li l-Id tmissu taħt il-ħwejjeġ ta' taħt. Il-ġenituri jistgħu jispjegaw lit-tfal li xi adulti (bħal dawk li jieħdu ħsiebhom, il-ġenituri jew it-tobba) jistgħu jkollhom bżonn imissuhom, iżda t-tfal għandhom jiġu mħeġġa jgħidu "LE" jekk ikunu skomdi f'xi sitwazzjoni.



### 3. Sigrieti tajba – sigrieti ħżiena

Is-sigrieti huma t-tattika prinċipali ta' min ikun irid jabbuża sesswalment mit-tfal. Għal din ir-raġuni huwa importanti li ngħallmu d-differenza bejn sigrieti tajba u sigrieti ħżiena u li jinħoloq ambjent ta' fiduċja bejn it-tfal u l-adulti li huma jafdaw. Dawn għandhom jiġu mgħallma li kwalunkwe sigriet li jagħmilhom anzjużi jew ma jkunux komdi u li jqajjem biża' jew dwejjaq mhuwiex sigriet tajjeb u m'għandux jinżamm. Għandhom jgħiduh lil adult li jafdaw bħall-ġenituri, għalliema, pulizija u tobba.

Fil-ktieb, l-Id tħeġġeġ lil Kiko jitkellem jekk xi ħadd jipprova jmissu b'mod mhux aċċettabli. Din is-sekwenza tista' tintuża biex tiġi diskussa d-differenza bejn sigriet tajjeb (bħal pereżempju festin ta' sorpriża) u sigriet ħażin (xi ħaġa li tagħmel lit-tifel imdejjaq jew anzjuż). Il-ġenituri għandhom iħeġġu lit-tfal jaqsmu s-sigrieti ħżiena magħhom.

### 4. Il-prevenzjoni u l-protezzjoni huma r-responsabiltà tal- adult

Meta t-tfal jiġu abbużati jħossu mistħija, sens ta' tort u biża'. L-adulti għandhom jevitaw li joħolqu tabù madwar is-sesswalità, u jaċċertaw ruħhom li t-tfal jafu għand min jistgħu jmorru jekk ikunu mħassbin, anzjużi jew imdejqin. It-tfal jistgħu jħossu li hemm xi ħaġa ħażina. L-adulti jridu jkunu attenti u jifhmu l-imġiba tat-tfal u dak li jħossu. Jista' jkun hemm ħafna raġunijiet għala tifel/tifla jirrifjuta kuntatt ma' adult jew tifel/tifla ieħor. Dan għandu jiġi rispettat. It-tfal għandhom dejjem iħossu li jistgħu jiftħu qalbhom mal-ġenituri tagħhom dwar din il-materja.

L-Id fil-ktieb hija l-ħabiba ta' Kiko. L-adulti għandhom jgħinu lit-tfal fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Il-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali hija l-ewwel u qabel kollox ir-responsabiltà tal-adult u huwa importanti li jiġi evitat li jkunu t-tfal li jġorru dan il-piż kollu.





## 5. Suġġerimenti utli oħra biex jakkumpanjaw ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx"

### Rappurtar u żvelar

It-tfal iridu jitgħallmu li jistgħu jagħżlu adulti biex ikunu parti miċ-ċirku tagħhom ta' adulti li jipproteġuhom. Għandhom jiġu mħeġġa jagħżlu adulti li jistgħu jafdaw, li jkunu disponibbli u lesti li jisimgħuhom u jgħinuhom. Membru minn dan iċ-ċirku ta' adulti għandu jkun xi ħadd li jgħix mat-tifel/tifla filwaqt li adult ieħor għandu jkun jgħix barra ċ-ċirku immedjat tal-familja. It-tfal għandhom ikunu jafu kif ifittxu l-għajnuna minn dawn in-nies ta' fiduċja.

### Abbuż li jsir minn persuni li jafu

F'ħafna każi, dak li jabbuża mit-tfal ikun xi ħadd li t-tfal ikunu jafuh. Huwa tassew diffiċli għat-tfal iż-żgħar biex jifhmu li xi ħadd li jafhom jista' jabbużahom. Ma ninsewx li l-proċess ta' tħejjija (grooming), użat minn dawk li jabbużaw mit-tfal jibda billi l-ewwel huma jirbħu l-fiduċja tat-tfal. Fost ir-regoli stabbiliti fid-dar għandu jkun hemm dik, li l-ġenituri, jżommu għajnejhom miftuħin u jkunu nfurmati regolarment jekk ikun hemm xi ħadd li qed joffri r-rigali lit-tfal, jitlob li jinżammu s-sigrieti jew jipprova jqatta' ħin waħdu mat-tfal.

### Abbuż li jsir minn persuni li ma jafuhomx

F'ċerti każi, l-abbuż jista' isir ukoll minn persuni li t-tfal ma jkunux jafuhom. Huwa importanti li ngħallmu lit-tfal regoli sempliċi dwar il-kuntatt tagħhom ma' persuni li ma jafux. Dawn qatt m'għandhom jitilgħu f'karozza ma' xi ħadd li ma jafux, qatt m'għandhom jaċċettaw rigali jew stediniet mingħand persuni li ma jafux.

### Għajnuna

It-tfal għandhom ikunu jafu li jeżistu professjonisti li jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira (l-għalliema, l-assistenti soċjali, il-medjaturi, it-tobba, il-psikologi tal-iskola, il-pulizija) u li jeżisti numru tat-telefon li huma jistgħu jċemplu biex jitolbu parir.

## Għaliex ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx"?

Madwar tifel/tifla minn kull ħamsa jisfa' vittma ta' xi forma ta' abbuż sesswali u vjolenza. Dan jista' jseħħ lil tifel jew tifla, ta' kwalunkwe età, kulur tal-ġilda, klassi soċjali u reliġjon. Dak li jabbuża ta' spiss huwa xi ħadd li t-tifel jew it-tifla jkunu jafu u jafdaw. Dan jista' jkun ukoll minorenni ieħor.

### Inti tista' tgħin biex dan ma jiġrix lil uliedek

Komunikazzjoni tajba mat-tfal hija importanti u hija ċ-ċavetta li tgħin biex il-ġenituri jipproteġu lil uliedhom mill-abbuż. Din tindika relazzjoni tajba, determinazzjoni, onestà u atmosfera pjaċevoli li ma toħloqx biża'.

### Ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx" tista' tgħinek f'dan

It-tfal qatt m'huma żgħar wisq biex jiġu mgħallma r-regola "Hemmhekk ma jintmissx" għax l-abbuż jista' jsir fi kwalunkwe età.
Jekk ma tħossokx komdu titkellem dwar dan is-suġġett mat-tfal tiegħek, ftakar li probabilment huwa iktar diffiċli għalik bħala adult li titkellem fuq dan is-suggett milli għat-tfal.





## X'għandek tagħmel jekk tissuspetta li qed isir l-abbuż?

Meta tissuspetta li xi ħadd minn uliedek ġie abbużat, huwa importanti ħafna li ma tirrabjax magħhom. Importanti li ma ġġegħlhomx iħossuhom bħallikieku kienu huma li għamlu xi ħaġa ħażina.

Lit-tfal tinterrogahomx. Tista' tistaqsi x'seta' ġara, meta u ma' min, iżda tistaqsix għaliex ġara dan.

Ipprova turix li tinsab inkwetat quddiem it-tfal. Dawn faċilment iħossu li għandhom it-tort u jistgħu jżommu lura milli jagħtu l-informazzjoni.

Ipprova li ma tasalx għal konklużjonijiet ibbażati fuq ftit informazzjoni jew informazzjoni li mhix ċara. Serraħ moħħ it-tfal li se tagħmel xi ħaġa dwarha u kkuntattja lil xi ħadd li jista' jgħinek, bħal psikologu, speċjalista fil-kura tat-tfal, tabib, assistent soċjali jew il-pulizija.

F'xi pajjiżi jeżistu numri tat-telefon u ċentri speċjali nkarigati biex jgħinu lit-tfal vittmi ta' vjolenza sesswali. Dawn jistgħu jiggwidaw lilek ukoll u għandhom jiġu kkuntattjati meta t-tfal possibilment huma vittma ta' abbuż sesswali.

F'Malta, inti tista' ssib l-għajnuna permezz tal-Aġenżija Appoġġ (numru tat-telefon 22959000), 179 jew Child Safety Service fi ħdan is-Servizzi Edukattivi Psikosoċjali, Departiment Servizzi għall-Istudent (numru tat-telefon 21226361/21225285).

## Fejn tista' ssib materjal u informazzjoni?

Il-Kunsill tal-Ewropa żviluppa materjal biex jgħin lill-ġenituri jgħallmu r-regola "Hemmhekk ma jintmissx". Dan il-materjal jinkludi:

- spot televiżiv (cartoon animat)
- ktieb li l-ġenituri jistgħu jaqraw lil uliedhom tal-età bejn it-3 u s-7 snin
- posters u kartolini

Dan il-materjal kollu jista' jitniżżel mis-sit: www.underwearrule.org
Ir-regola "Hemmhekk ma jintmissx" hija parti mill-kampanja "Wieħed minn kull Ħamsa" tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex titwaqqaf il-vjolenza sesswali fuq it-tfal. Tista' tikseb aktar informazzjoni dwar il-miżuri l-oħra ta' prevenzjoni u protezzjoni li huma promossi mill-Kunsill tal-Ewropa minn www.coe.int/oneinfive

